10 ta' Ottubru 2018
110/2018

# PREVENZJONI, AZZJONI F'WAQTHA U KAŻIJIET RIFERUTI LILL-PULIZIJA

## IR-RAPPORT ANNWALI TAS-SAFEGUARDING COMMISSION GĦAS-SENA 2017

Id-deċiżjoni tal-Isqfijiet Maltin li jipprojbixxu saċerdot milli jkompli jeżerċita l-ministeru tas-saċerdozju, minkejja d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, turi li l-Knisja timxi bi kriterji speċifiċi u aktar stretti minħabba r-responsabbiltà li l-liġi tal-Knisja tpoġġi fuq kull membru tal-kleru. Dan qalu l-Kap tas-Safeguarding Commission, Andrew Azzopardi, waqt il-preżentazzjoni tar-rapport annwali tal-kummissjoni tal-Knisja responsabbli mill-ħarsien tat-tfal u l-adulti vulnerabbli.

Andrew Azzopardi qal li din l-istess responsabbiltà u ħtieġa ta' azzjoni aktar immedjata kienet wasslet lill-Isqfijiet Maltin u lill-ordnijiet reliġjużi biex fl-2015 iwaqqfu s-Safeguarding Commission – grupp ta' professjonisti minn oqsma differenti li jaħdmu b'mod awtonomu u jagħtu rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' abbuż fil-Knisja. Il-membri tal-kummissjoni huma: Dr Roberta Attard (psikologu kliniku), Dr Kevin Borg (pedjatra), Fr Antoine Farrugia sdb (ħaddiem soċjali), Dr Nathalie Kenely (Kap tad-Dipartiment tal-Politika Soċjali fl-Università ta' Malta), Rev. Dr Joseph Farrugia (psikologu kliniku) u Dr Nicole Briffa (avukat).

Il-Kap tas-Safeguarding Commission spjega li fl-2017 il-kummissjoni rċeviet tliet allegazzjonijiet ta' abbuż fuq **minuri** li nstabu li kienu sostanzjati. Dawn l-allegazzjonijiet kienu jinvolvu saċerdot djoċesan, patri u lajk. Fit-tliet ċirkustanzi l-każijiet ġew riferuti lill-Pulizija għall-investigazzjoni. Barra minn hekk ittieħdet l-azzjoni meħtieġa, mingħajr preġudizzju, billi ġiet imposta restrizzjoni fuq l-attività pastorali tal-persuni kkonċernati. Dan sar fuq rakkomandazzjoni tal-kummissjoni bħala prekawzjoni.

Sa tmiem is-sena li għaddiet is-Safeguarding Commission kkonkludiet ukoll l-evalwazzjoni ta' numru ta' lmenti mressqa għall-attenzjoni tagħha. Minn dawn l-ilmenti 10 ma ġewx ippruvati, 3 kienu infondati u 3 ilmenti ma kinux dwar abbuż iżda xorta ġew riferuti lil entitajiet oħra. Fil-preżent, il-kummissjoni qed tevalwa 12-il ilment ieħor li jikkonċernaw minuri.

Dwar ilmenti li jikkonċernaw **adulti vulnerabbli,** il-kummissjoni sabet li mill-ilmenti li rċeviet fl-2017, 3 ma ġewx ippruvati, 3 kienu infondati, u 6 ġew riferuti lil entitajiet oħra għax ma kinux jikkonċernaw abbuż sesswali, fiżiku, emozzjonali, sfruttament jew bullying. Fil-preżent, il-kummissjoni qed tevalwa 3 ilmenti oħra.

Andrew Azzopardi qal li ħidmet is-Safeguarding Commission tul is-snin qed tgħin biex jikber l-għarfien dwar il-prevenzjoni mill-abbuż. Spjega kif il-kummissjoni tat taħriġ speċjalizzat lil madwar 2,000 persuna li jaħdmu mat-tfal, adolexxenti u adulti vulnerabbli fl-entitajiet tal-Knisja. Dawn jinkludu: għalliema, care workers, katekisti, saċerdoti, membri fl-ordnijiet reliġjużi, seminaristi u voluntiera.

Is-sena li għaddiet il-kummissjoni temmet proġett pilota ma' sitt entitajiet tal-Knisja li evalwa l-miżuri mħaddma u kkunsidra metodi ġodda fil-qasam tal-prevenzjoni mill-abbuż. Il-kummissjoni ssottomettiet ukoll għadd ta' applikazzjonijiet quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja biex tikkonferma li 2,155 persuna fil-Knisja li jaħdmu mal-minuri jissodisfaw il-kriterji meħtieġa skont il-Liġi. Dan biex tiżgura li l-ħarsien tat-tfal u l-adulti vulnerabbli jkun fiċ-ċentru tal-ħidma tal-Knisja għall-benefiċċju tal-komunità kollha.

Andrew Azzopardi esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-kollaborazzjoni li teżisti bejn is-Safeguarding Commission u l-Pulizija fil-ħidma kontra l-abbuż biex issir ġustizzja mal-vittmi. Ħeġġeġ lil kull min għandu xi informazzjoni relatat ma' abbuż fil-Knisja biex jirrapporta direttament lill-Pulizija u biex jikkuntattja lis-Safeguarding Commission fuq info@safeguarding.mt.